SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

16 ta' April 2015*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Dumping — Importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet tal-ħadid jew tal-azzar — Regolament (KE) Nru 384/96 — Artikolu 3(7) — Ħsara għall-industrija — Fatturi magħrufa — Rabta kawżali — Assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' investigazzjoni dwar prattiki antikompetittivi ta' impriżi Komunitarji tas-settur ikkonċernat — Regolament (KE) Nru 2320/97 — Validità"

Fil-Kawża C-143/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Finanzgericht Berlin-Brandenburg (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Marzu 2014, fil-proċedura

TMK Europe GmbH

vs

Hauptzollamt Frankfurt (Oder),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot (Relatur), President tal-Awla, A. Arabadjiev u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-29 ta' Jannar 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal TMK Europe GmbH, minn N. Meyer, avukat,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn A. Collabolletta, avvocato dello Stato,

— għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, minn B. Driessen, bħala aġent, assistit minn R. Bierwagen, avukat,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn T. Maxian Rusche u R. Sauer, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-validità tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2320/97, tas-17 ta' Novembru 1997, li jimponi taxxi kontra d-damping fuq importazzjonijiet ta' ċertu pajpijiet seamless u tubi tal-ħadid jew non-alloy steel li joriġinaw mill-Ungerija, il-Polonja, ir-Russja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija u r-Repubblika Slovakka, li jħassar Regolament (KEE) Nru 1189/93 u li jtemm il-proċeduri dwar dawn l-importazzjonijiet li joriġinaw fir-Repubblika tal-Kroazja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 26, p. 329).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn TMK Europe GmbH (iktar 'il quddiem "TMK Europe") u l-Hauptzollamt Frankfurt (Oder) (uffiċċju prinċipali tad-dwana ta' Frankfurt an der Oder, iktar 'il quddiem il-"Hauptzollamt") dwar id-dazji antidumping mitluba mingħand TMK Europe skont ir-Regolament Nru 2320/97 għal importazzjonijiet imwettqa matul is-snin 2001 sal-2003.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament (KE) Nru 384/96

3 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, tat-22 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 10, p. 45), tħassar u ġie ssostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, p. 51, u r-Rettifika ĠU L 7, p. 22). Madankollu, b'teħid inkunsiderazzjoni tad-data tal-adozzjoni tar-Regolament Nru 2320/97, li l-legalità tiegħu hija kkontestata quddiem il-qorti tar-rinviju, it-tilwima għandha tiġi eżaminata abbażi tar-Regolament Nru 384/96 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Bażiku").

4 L-Artikolu 1(1) tar-Regolament Bażiku kien jipprovdi:

"Dazju kontra xiri taħt il-prezz jista' jiġi applikat għal kwalunkwe prodott mixtri taħt il-prezz li l-liberazzjoni tiegħu għal ċirkulazzjoni ħielsa fil-Komunità tikkawża ħsara."

5 L-Artikolu 3(1), (2) u (5) sa (7) tar-Regolament Bażiku, intitolat "Tistabbilixxi l-ħsara [Determinazzjoni tal-eżistenza ta' ħsara]", kien jipprovdi:

"1. Skond dan ir-Regolament, it-terminu "ħsara" għandu, sakemm mhux speċifikat b'mod ieħor, jittieħed li jfisser ħsara materjali lill-industrija tal-Komunità, theddida ta' ħsara materjali lill-industrija tal-Komunità jew dewmien materjali ta' l-istabbiliment ta' industrija bħal din u għandu jiġi interpretat skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

2. Il-ħsara trid tkun stabbilita billi tkun ibbażata fuq evidenza pożittiva u għandha tinvolvi eżaminazzjoni objettiva kemm ta'

(a) il-volum ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u l-effett ta' l-importazzjonijiet mibjugħin taħt il-prezz fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Komunità għall-prodotti simili; u kemm

(b) l-impatt konsegwenti ta' dawk l-importazzjonijiet fuq l-industrija Komunitarja.

[…]

5. L-eżaminazzjoni ta' l-impatt tal-prodotti li huma l-oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Komunità konċernata għandha tinkludi evalwazzjoni tal-fatturi ekonomiċi rilevanti u l-indiċi kollha li għandhom effett fuq l-istat ta' l-industrija, inkluż il-fatt li l-industrija għadha fi proċess ta' rkuprar mill-effetti ta' xiri taħt il-prezz jew sussidju fil-passat, il-kobor tal-marġini attwali tax-xiri taħt il-prezz, it-tnaqqis attwali u potenzjali fil-bejgħ, il-profitti, il-produzzjoni, is-sehem fis-suq, il-produttività, ir-redditu fuq l-investimenti, l-utilizzazzjoni tal-volum; fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet Komunitarji; effetti negattivi attwali u potenzjali fuq iċ-ċirkolazzjoni tal-flus, l-inventarji, il-pagi, it-tkabbir, l-abilità li l-kapital jew investimenti jiġu mgħollija. Il-lista ma ttemx kollox, u lanqas ma jistgħu, wieħed jew iktar minn dawn il-fatturi, neċessarjament jagħtu gwida deċiżiva.

6. Għandu jiġi muri, mill-evidenza rilevanti kollha ppreżentata fejn jidħol il-paragrafu 2, li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping qegħdin jikkawżaw ħsara skond it-tifsira ta' dan ir-Regolament. B'mod speċifiku, dan għandu jinvolvi dimostrazzjoni li l-volum u/jew il-livelli tal-prezzijiet identifikati skond il-paragradfu 3 huma responsabbli għal impatt fuq l-industrija Komunitarja kif stabbilita fil-paragrafu 5, u li dan l-impatt jeżisti sa grad li jagħmlu possibbli li jiġi kklasifikat bħala materjali.

7. Fatturi magħrufa għajr importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping li fl-istess ħin qegħdin jagħmlu ħsara lill-industrija Komunitarja għandhom ukoll jiġu eżaminati sabiex jiżguraw li l-ħsara kkawżata minn dawn il-fatturi l-oħra mhix attribwita għall-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping taħt paragrafu 6. Fatturi li jistgħu jiġu kkunsidrati f'dan ir-rigward jinkludu l-volum u l-prezzijiet ta' importazzjonijiet mhux mibjugħin bi prezzijiet taħt il-prezz tagħhom, tnaqqis fid-domanda jew tibdiliet fil-mudelli tal-konsum, prattiċi restritti tal-kummerċ, u kompetizzjoni bejn, produtturi Komunitarji u ta' pajjiżi terzi, żviluppi fit-teknoloġija u l-atteġġament ta' l-esportazzjoni u l-produttività ta' l-industrija Komunitarja."

Ir-Regolament (KE) Nru 2320/97

6 Skont l-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 2320/97, ġew stabbiliti dazji antidumping definittivi fuq l-importazzjonijiet, b'mod partikolari tal-pajpijiet seamless li jaqgħu taħt il-Kodiċi 7304 31 99 tan-nomenklatura magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382) u li joriġinaw, fost oħrajn, mir-Russja. L-Artikolu 1(2) iffissa r-rata ta' 26.8 % għad-dazji antidumping applikabbli fuq dawn l-importazzjonijiet.

Ir-Regolament (KE) Nru 1322/2004

7 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1322/2004, tas-16 ta' Lulju 2004, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2320/97 li jimponi dazji ta' anti-dumping definittivi fuq l-importazzjoni ta' ċerti pajpijiet u tubi bla qtugħ ("*seamless*") tal-ħadid jew tal-azzar li mhuwiex liga ("*non-alloy*") li joriġinaw, *inter alia*, mir-Russja u mir-Rumanija (ĠU L 142M, p. 148), jinkludi, b'mod partikolari, il-premessi li ġejjin:

"[…]

(9) Fid-deċiżjoni [tal-Kummissjoni] 2003/382/KE [, tat-8 ta' Diċembru 1999, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 tat-Trattat KE (Każ IV/E-1/35.860-B - Pajpijiet tal-azzar seamless] ([ĠU L 140, p. 1,] iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni tal-Kompetizzjoni") diversi produtturi tal-Komunità kienu mmultati għall-involviment f'żewġ każijiet ta' ksur ta' l-Artikolu 81(1) tat-Trattat tal-KE.

(10) Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kompetizzjoni, fil-bidu kien ikkunsidrat li r-rabta potenzjali mar-Regolament (KE) Nru 2320/97, jekk kien hemm, ma kinitx tali li tirrikjedi li jerġa' jkun hemm eżami tas-sejbiet ta' dak ir-Regolament. Mankollu, wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni

tal-Kompetizzjoni, wieħed mill-partijiet interessati qajjem il-kwistjoni ta' l-impatt possibbli minħabba l-imġiba anti-kompettitiva fuq il-miżuri ta' *anti-dumping* li hemm fis-seħħ, u ipprovda aktar informazzjoni rigward kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sejbiet dwar il-ħsara u l-kawżazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2320/97. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jeżamina jekk id-Deċiżjoni tal-Kompetizzjoni għandhiex ikollha xi konsegwenza fuq il-miżuri ta' *anti-dumping* li hemm preżentement fis-seħħ.

[…]

(19) Peress li l-elementi koumni fl-iskop tal-prodott, il-kumpaniji involuti u li l-perjodu ta' żmien taż-żewġ proċedimenti huwa biss parzjali, instab li l-impatt ta' din l-imġiba anti-kompettitiva affetwat b'mod limitat l-investigazzjoni ta' *anti-dumping* li fuqha ġew ibbażati d-dazji definittivi imposti fl-1997. Barra minn hekk, meta jiġi eskluż it-tagħrif dwar il-kumpaniji li nstabu li kienu kisru l-Artikolu 81 (1) tat-Trattat tal-KE, ir-riżultati jidhru li jibqgħu komparabbli ma' dawk ikkalkulati fuq il-bażi tat-tagħrif ta' l-għaxar produtturi tal-Komunità li kkoperaw, inklużi dawk li qed jipparteċipaw fl-imġiba anti-kompettitiva hawn fuq imsemmija, i.e. *dumping* offensiv xorta jibqa' jeżisti. Għalhekk, ma hux probabbli li l-aġir anti-kompettitiv tal-produtturi tal-Komunità ħalla xi impatt materjali fuq is-sejbiet oriġinali ta' l-investigazzjoni ta' *anti-dumping*. Madankollu, ma jistax ikun ikkonfermat b'ċertezza jekk il-kundizzjonijiet tas-suq ġenerali kienux ikunu l-istess fin-nuqqas ta' dan l-imġiba anti-kompettitiva.

(20) In vista ta' dak li ntqal hawn fuq, huwa meqjus xieraq li ma jkunux applikati aktar il-miżuri stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 2320/97. Dan jaqbel mal-prinċipji ta' amministrazzjoni soda u prassi amministrattiva tajba […]."

8 L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1322/2004 emenda r-Regolament Nru 2320/97 billi żied fih Artikolu 8 li jgħid li "[l]-Artikoli 1, 2 u 3 ma gandhomx ikunu applikati mill-21 ta' Lulju 2004."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

9 Matul is-snin 2001 sal-2003 TMK Europe importat pajpijiet li joriġinaw mir-Russja. Billi qies li dawn l-importazzjonijiet kienu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2320/97, il-Hauptzollamt talabha tħallas b'mod partikolari dazji antidumping ta' ammont ta' EUR 375178.13.

10 Quddiem il-Hauptzollamt, fit-18 ta' Novembru 2003 hija kkontestat li għandha tagħti dawn id-dazji billi qabel kollox sostniet li l-pajpijiet importati ma kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament.

11 Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament Nru 1322/2004 li ssospenda l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 2320/97 mill-21 ta' Lulju 2004 minħabba d-Deċiżjoni tal-Kompetizzjoni li imponiet sanzjonijiet fuq ċerti produtturi Komunitarji fis-settur tal-attività kkonċernata, TMK Europe ressqet quddiem il-Hauptzollamt talba ġdida għal rimbors tad-dazji antidumping billi invokat l-illegalità li biha jinsab ivvizzjat ir-Regolament Nru 2320/97.

12 Billi l-ilmenti tagħha ġew miċħuda fid-29 ta' Ottubru 2010, TMK Europe adixxiet lill-Finanzgericht Berlin-Brandenburg (qorti tal-finanzi ta' Berlin-Brandenburg) b'rikors għal rimbors tad-dazji antidumping inkwistjoni billi tenniet iż-żewġ motivi tagħha bbażati, minn naħa, fuq li l-pajpijiet importati ma kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2320/97 u, min-naħa l-oħra, fuq l-illegalità ta' dan ir-regolament.

13 Għall-qorti tar-rinviju, filwaqt li l-ewwel motiv ma jistax jintlaqa', għall-kuntrarju jibqgħu xi dubji dwar ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni motiv.

14 Minkejja li hija inklinata sabiex taħseb li r-Regolament Nru 2320/97 huwa validu, hija ma tistax tiddetermina b'ċertezza jekk ir-raġunijiet li wasslu lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea sabiex jiddeċiedi, permezz tar-Regolament Nru 1322/2004, li ma jibqax japplika l-Artikoli 1 sa 3 tar-Regolament Nru 2320/97 sa mill-21 ta' Lulju 2004, għandhomx ukoll jaffettwaw b'mod retroattiv il-validità ta' dan l-aħħar regolament.

15 Skont il-qorti tar-rinviju, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-Kunsill, meta adotta r-Regolament Nru 2320/97 fis-17 ta' Novembru 1997, kellux jieħu inkunsiderazzjoni l-investigazzjoni li kienet ilha li ngħatat bidu mill-Kummissjoni Ewropea sa mill-25 ta' Novembru 1994 dwar l-allegata eżistenza ta' prattiki antikompetittivi fi ħdan l-industrija Komunitarja. Fil-fatt, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(7) tar-Regolament Bażiku, il-fatturi magħrufa għajr l-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping, li, fl-istess ħin qegħdin jagħmlu ħsara lill-industrija Komunitarja għandhom ukoll jiġu eżaminati sabiex jiżguraw li l-ħsara kkawżata minn dawn il-fatturi l-oħra ma tkunx attribwita għall-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping.

16 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Finanzgericht Berlin-Brandenburg iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Ir-Regolament […] (KE) Nru 2320/97 […] huwa invalidu sa fejn il-[Kunsill], bi ksur tal-kundizzjonijiet applikabbli għad-determinazzjoni tal-ħsara stabbiliti fl-Artikolu 3(7) tar-Regolament [Bażiku], [ippreżuma] l-eżistenza ta' tali ħsara mingħajr ma [ħa] inkunsiderazzjoni f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni adottat, b'mod partikolari skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 17, tas-6 ta' Frar 1962, L-ewwel Regolament li jimplimenta l-Artikoli [81 KE] u [82 KE] […], deċiżjoni mhux ippubblikata, tal-25 ta' Novembru 1994 (Każ IV/35.304) li tiftaħ investigazzjoni dwar il-possibbiltà tal-eżistenza ta' prattiki antikompetittivi fis-settur tal-pajpijiet tal-azzar mhux liga li possibbilment jiksru l-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3) u l-Artikolu 81 KE?"

Fuq id-domanda preliminari

Fuq l-ammissibbiltà tal-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma quddiem il-qorti nazzjonali

17 Il-Gvern Taljan u l-Kummissjoni jsostnu li l-validità tar-Regolament Nru 2320/97 ma kinitx għadha tista' tiġi kkontestata permezz ta' eċċezzjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, ladarba r-rikorrenti fil-kawża prinċipali naqset milli tikkontestaha fit-terminu previst fl-Artikolu 230 KE, li f'dak iż-żmien kien fis-seħħ.

18 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-prinċipju ġenerali, li huwa intiż sabiex jiggarantixxi li kull persuna jkollha jew kellha possibbiltà li tikkontesta att Komunitarju li jservi bħala bażi għal deċiżjoni li taffettwaha b'mod ħażin, bl-ebda mod ma jxekkel milli regolament isir definittiv għal individwu li fir-rigward tiegħu għandu jitqies li hija deċiżjoni individwali u li mingħajr ebda dubju seta' jitlob l-annullament tagħha skont l-Artikolu 230 KE, fatt li jimpedixxi lil dan l-individwu milli jeċċepixxi l-illegalità ta' dan ir-regolament quddiem il-qorti nazzjonali. Tali konklużjoni tapplika fir-rigward tar-regolamenti li jimponu dazji antidumping minħabba n-natura doppja tagħhom bħala atti ta' natura normattiva u ta' atti li jistgħu jaffettwaw direttament u individwalment lil ċerti kummerċjanti (sentenza Nachi Europe, C-239/99 EU:C:2001:101, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 Fil-fatt, ir-regolamenti li jistabbilixxu dazju antidumping, minkejja li min-natura u mill-portata tagħhom għandhom natura normattiva, jistgħu jikkonċernaw direttament u individwalment lil dawk fost il-produtturi u l-esportaturi tal-prodott inkwistjoni li għalihom huma imputati l-prattiki ta' dumping billi tintuża data li toriġina mill-attività kummerċjali tagħhom. Dan huwa l-każ, b'mod ġenerali, għall-impriżi produttriċi u esportatriċi li jistgħu juru li huma ġew identifikati fl-atti

tal-Kummissjoni u tal-Kunsill jew ikkonċernati mill-investigazzjonijiet preparatorji (ara s-sentenzi Allied Corporation *et* vs Il-Kummissjoni, 239/82 u 275/82, EU:C:1984:68, punti 11 u 12; Nachi Europe, C-239/99, EU:C:2001:101, punt 21, kif ukoll Valimar, C-374/12, EU:C:2014:2231, punt 30).

20 L-istess jgħodd għal dawk fost l-importaturi tal-prodott ikkonċernat li l-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid tagħhom ittieħdu inkunsiderazzjoni għat-tfassil tal-prezzijiet fuq l-esportazzjoni u li għaldaqstant huma kkonċernati mill-konstatazzjonijiet dwar l-eżistenza ta' prattika ta' dumping (ara s-sentenzi Nashua Corporation *et* vs Il-Kummissjoni u Il-Kunsill, C-133/87 u C-150/87, EU:C:1990:115, punt 15; Gestetner Holdings vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-156/87, EU:C:1990:116, punt 18, kif ukoll Valimar, C-374/12, EU:C:2014:2231, punt 31).

21 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li importaturi assoċjati ma' esportaturi ta' pajjiżi terzi li l-prodotti tagħhom intlaqtu minn dazji antidumping jistgħu jikkontestaw ir-regolamenti li jistabbilixxu tali dazji, b'mod partikolari fil-każ fejn il-prezz tal-esportazzjoni ġie kkalkolat mill-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fis-suq Komunitarju pprattikati minn dawn l-importaturi u fil-każ fejn id-dazju antidumping innifsu huwa kkalkolat skont dawn il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Neotype Techmashexport vs Il-Kummissjoni u Il-Kunsill, C-305/86, EU:C:1990:295, punti 19 u 20, kif ukoll Valimar, C-374/12, EU:C:2014:2231, punt 32).

22 Barra minn hekk, ir-rikonoxximent tad-dritt ta' ċerti kategoriji ta' operaturi ekonomiċi li jippreżentaw rikors għall-annullament ta' regolament antidumping ma jistax jipprekludi lil operaturi oħra milli jkunu wkoll individwalment ikkonċernati minn tali regolament, minħabba ċerti karatteristiċi partikolari tagħhom u li jikkaratterizzawhom meta mqabbla ma' kull persuna oħra (ara s-sentenzi Extramet Industrie vs Il-Kunsill, C-358/89, EU:C:1991:214, punt 16, u Valimar, C-374/12, EU:C:2014:2231, punt 33).

23 Madankollu, fir-rigward tal-kawża prinċipali, ma ġiex stabbilit li TMK Europe tista' titqies li tappartjeni għal waħda mill-kategoriji ta' operaturi ekonomiċi identifikati iktar 'il fuq.

24 Qabel kollox, huwa paċifiku li la TMK Europe u lanqas Sinara Handel GmbH (iktar 'il quddiem "Sinara"), il-kumpannija li tagħha hija kienet is-suċċessur, ma jinsabu identifikati fir-Regolament Nru 2320/97 bħala impriżi esportatriċi. Huma lanqas ma jidhru bħala kumpanniji importatriċi li kienu kkonċernati mill-investigazzjonijiet preparatorji għal dan ir-regolament.

25 Sussegwentement, minkejja li Sinara kienet assoċjata mal-grupp ta' impriżi Russi esportatriċi li pparteċipaw fil-proċedura antidumping, mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja la jirriżulta li l-prezz tal-esportazzjoni meqjus għad-determinazzjoni tad-dazji antidumping ġie kkalkolat mill-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid fis-suq Komunitarju pprattikati minn dan l-importatur u lanqas li d-dazju antidumping innifsu ġie kkalkolat skont dawn il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid.

26 Fl-aħħar nett, billi kkontestat l-ammissibbiltà tal-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma quddiem il-qorti nazzjonali, il-Kummissjoni għandha tressaq il-provi ta' natura li jiġġustifikaw din l-inammissibbiltà. Madankollu, l-argumenti invokati mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward ma jippermettux li jiġi stabbilit li Sinara kienet suffiċjentement marbuta mal-impriżi Russi esportatriċi jew li taqa' taħt sitwazzjoni partikolari li tikkaratterizzaha meta mqabbla ma' kwalunkwe operatur ekonomiku ieħor, sabiex jitqies li din l-impriża kienet ikkonċernata direttament u individwalment, fis-sens tal-Artikolu 230 KE, matul it-terminu previst minn dan l-artikolu sabiex jintalab l-annullament tar-Regolament Nru 2320/97 adottat fis-17 ta' Novembru 1997.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u anki jekk wieħed jippreżupponi li d-drittijiet u d-dmirijiet kollha ta' Sinara kienu ġew mgħoddija lil TMK Europe, l-elementi ta' evalwazzjoni ppreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja waħedhom ma jippermettux li jiġi kkunsidrat li huwa stabbilit li TMK Europe setgħet, mingħajr ebda dubju, titlob l-annullament tar-Regolament Nru 2320/97 sa fejn jistabbilixxi dazju antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' pajpijiet seamless li joriġinaw mir-Russja.

28 Tali evalwazzjoni tas-sitwazzjoni tal-impriża importatriċi fir-rigward tar-Regolament Nru 2320/97 la tista' tiġi kkontestata mill-fatt li l-impriżi esportatriċi ma kkooperawx matul il-proċedura antidumping u lanqas minn dak, invokat mill-Gvern Taljan, li TMK Europe setgħet tikkonstata r-raġunijiet tar-Regolament Nru 1322/2004.

29 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li TMK Europe setgħet tqajjem l-eċċezzjoni ta' illegalità tar-Regolament Nru 2320/97 quddiem il-qorti tar-rinviju, liema qorti għaldaqstant ma kinitx marbuta min-natura definittiva tad-dazju antidumping stabbilit minnu.

30 Konsegwentement, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tirrispondi għad-domanda tal-qorti tar-rinviju.

Fuq il-validità tar-Regolament Nru 2320/97

31 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk, billi naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni l-proċedura li kienet inbdiet mill-Kummissjoni, sa mill-25 ta' Novembru 1994, sabiex tistabbilixxi l-possibbiltà ta' eżistenza ta' prattiki antikompetittivi fi ħdan l-industrija Komunitarja, il-Kunsill, billi fis-17 ta' Novembru 1997 adotta r-Regolament Nru 2320/91, kisirx ir-rekwiżiti tar-Regolament Bażiku.

32 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 3(5) tar-Regolament Bażiku jipprevedi li l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping fuq l-industrija Komunitarja kkonċernata għandu jinkludi evalwazzjoni tal-fatturi u l-indizji ekonomiċi rilevanti kollha li għandhom effett fuq is-sitwazzjoni ta' din l-industrija. Din id-dispożizzjoni fiha lista tad-diversi fatturi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, u tippreċiża li din il-lista ma hijiex eżawrjenti u li wieħed jew uħud minn dawn il-fatturi mhux neċessarjament jikkostitwixxu bażi ta' evalwazzjoni determinanti (ara s-sentenza Transnational Company "Kazchrome" u ENRC Marketing vs Il-Kunsill, C-10/12 P, EU:C:2013:865, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 L-Artikolu 3(7) tar-Regolament Bażiku jipprevedi li l-fatturi magħrufa għajr l-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping li fl-istess ħin qegħdin jagħmlu ħsara lill-industrija Komunitarja għandhom ukoll jiġu eżaminati sabiex jiġi żgurat li l-ħsara kkawżata minn dawn il-fatturi l-oħra ma tkunx attribwita għall-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping fis-sens tal-paragrafu (6) ta' dan l-artikolu, li jippreċiża li għandu jintwera, bis-saħħa tal-provi kollha rilevanti ppreżentati, li l-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping joħolqu ħsara importanti lill-industrija Komunitarja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Transnational Company "Kazchrome" u ENRC Marketing vs Il-Kunsill, C-10/12 P, EU:C:2013:865, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Hija ġurisprudenza stabbilita li d-determinazzjoni tal-eżistenza ta' ħsara kkawżata lill-industrija Komunitarja tippreżupponi l-evalwazzjoni ta' sitwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi u li l-istħarriġ ġudizzjarju ta' evalwazzjoni bħal din għandu għalhekk jiġi limitat għall-verifika tal-osservanza tar-regoli tal-proċedura, tal-korrettezza materjali tal-fatti kkonstatati, tal-assenza ta' żball manifest fl-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti jew tal-assenza ta' użu ħażin ta' poter. Dawn huwa partikolarment il-każ f'dak li jikkonċerna d-determinazzjoni tal-fatturi li jikkawżaw ħsara lill-industrija Komunitarja fil-kuntest ta' investigazzjoni antidumping (ara s-sentenza Transnational Company "Kazchrome" u ENRC Marketing vs Il-Kunsill, C-10/12 P, EU:C:2013:865, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Fil-konstatazzjoni tal-ħsara, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għandhom l-obbligu li jeżaminaw jekk il-ħsara li huma għandhom il-ħsieb li jieħdu inkunsiderazzjoni tirriżultax effettivament mill-importazzjonijiet li kienu s-suġġett ta' dumping u li jinjoraw kull ħsara li tirriżulta minn fatturi oħra u, b'mod partikolari, dik ikkawżata mill-aġir proprju tal-produtturi komunitarji (ara s-sentenza Transnational Company "Kazchrome" u ENRC Marketing vs Il-Kunsill, C-10/12 P, EU:C:2013:865, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Għal dan l-għan, huma l-istituzzjonijiet tal-Unjoni li għandhom jivverifikaw jekk l-effetti ta' dawn il-fatturi l-oħra kinux ta' natura li jiksru r-rabta kawżali bejn, minn naħa, l-importazzjonijiet inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, il-ħsara sostnuta mill-industrija Komunitarja. Huma dawn li għandhom ukoll jivverifikaw li l-ħsara imputabbli għal dawn il-fatturi l-oħra ma hijiex rilevanti għad-determinazzjoni tal-ħsara fis-sens tal-Artikolu 3(7) tar-Regolament Bażiku u li, konsegwentement, id-dazju antidumping impost ma jeċċedix dak li huwa neċessarju sabiex tiġi eliminata l-ħsara kkawżata mill-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping (ara s-sentenza Transnational Company "Kazchrome" u ENRC Marketing vs Il-Kunsill, C-10/12 P, EU:C:2013:865, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Madankollu, jekk l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jikkonstataw li, minkejja tali fatturi, il-ħsara kkawżata mill-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping hija importanti skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Bażiku, ir-rabta kawżali bejn dawn l-importazzjonijiet u l-ħsara sostnuta mill-industrija Komunitarja tista' konsegwentement tiġi stabbilita (ara s-sentenza Transnational Company "Kazchrome" u ENRC Marketing vs Il-Kunsill, C-10/12 P, EU:C:2013:865, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 F'dak li jikkonċerna l-kawża prinċipali, għandu jiġi kkonstatat li, hekk kif jirriżulta kemm mill-premessi tar-Regolament Nru 1322/2004 kif ukoll mir-raġunijiet għad-Deċiżjoni tal-Kompetizzjoni, fil-25 ta' Novembru 1994 ingħata bidu għal investigazzjoni bis-saħħa ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni bl-għan li tiġi stabbilita l-possibbiltà ta' aġir antikompetittiv bejn impriżi li joperaw fis-suq Komunitarju tal-pajpijiet tal-azzar seamless. Huwa wkoll paċifiku li din l-investigazzjoni ppermettiet li l-Kummissjoni tagħti bidu għall-proċedura skont l-Artikolu 81 KE biss fl-20 ta' Jannar 1999 permezz tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet lill-impriżi kkonċernati.

39 Għaldaqstant, fis-17 ta' Novembru 1997, data li fiha ġie adottat ir-Regolament Nru 2320/97, id-Deċiżjoni tal-Kompetizzjoni kienet għadha ma ġietx fis-seħħ. Konsegwentement, din id-deċiżjoni stess ma tistax titqies bħala "fattur magħruf", fis-sens tal-Artikolu 3(7) tar-Regolament Bażiku, li l-Kunsill kellu jieħu inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni tal-ħsara sostnuta mill-industrija Komunitarja bl-għan li jiġġustifika l-miżura antidumping kif tirriżulta mir-Regolament Nru 2320/97.

40 Fir-rigward tal-investigazzjoni deċiża mill-Kummissjoni fil-25 ta' Novembru 1994, għandu jiġi kkonstatat li n-natura purament preparatorja tagħha tipprekludi li l-aġir antikompetittiv li hija kienet tirrigwarda jkun jista' jitqies, tal-inqas sat-tmiem ta' din l-investigazzjoni, bħala stabbilit u bħala li jikkawża ħsara lill-industrija Komunitarja.

41 Ċertament, hekk kif ġie rrilevat fil-punt 35 ta' din is-sentenza, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom l-obbligu li jeżaminaw jekk il-ħsara li huma għandhom l-intenzjoni jikkunsidraw sabiex jadottaw il-miżura antidumping tirriżultax effettivament mill-importazzjonijiet li kienu s-suġġett ta' dumping u li jinjoraw kull ħsara li tirriżulta minn fatturi oħra u, b'mod partikolari, dak li joriġina mill-aġir proprju tal-produtturi Komunitarji. Billi tinvoka dan l-obbligu, TMK Europe essenzjalment issostni li, peress li waħda minn dawn l-istituzzjonijiet kienet taf b'investigazzjoni li r-riżultat tagħha seta' jistabbilixxi li l-aġir proprju tal-produtturi Komunitarju seta', tal-inqas parzjalment, ikkontribwixxa għall-ħsara sostnuta mill-industrija Komunitarja, l-imsemmija istituzzjonijiet ma ħadux inkunsiderazzjoni, fil-proċedura antidumping, ħsara stabbilita "debitament".

42 Madankollu, għandu jitfakkar li, fi kwalunkwe każ, huma l-partijiet li jinvokaw l-illegalità ta' regolament antidumping li għandhom jippreżentaw provi ta' natura li juru li l-fatturi għajr dawk relatati mal-importazzjonijiet seta' kellhom importanza tali li huma kienu ta' natura li jikkontestaw l-eżistenza tar-rabta kawżali bejn il-ħsara sostnuta mill-industrija Komunitarja u l-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Transnational Company "Kazchrome" u ENRC Marketing vs Il-Kunsill, C-10/12 P, EU:C:2013:865, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Issa, TMK Europe ma pproduċiet ebda tali prova billi kulma għamlet kien li sostniet li l-fatt li l-Kummissjoni tat bidu għall-investigazzjoni li wasslet għad-Deċiżjoni tal-Kompetizzjoni neċessarjament għandu jkollu effett fuq l-investigazzjoni antidumping, u wisq inqas billi sostniet li s-sempliċi fatt li r-riżultat tal-ewwel waħda minn dawn l-investigazzjonijiet finalment wassal lill-Kunsill sabiex jissospendi r-Regolament Nru 2320/97 huwa biżżejjed sabiex jiġi aċċettat li din seta' jkollha influwenza fuq l-investigazzjoni antidumping.

44 Minn dan jirriżulta li TMK Europe ma ġġustifikatx li fatturi għajr dawk relatati mal-importazzjonijiet seta' kellhom importanza tali li huma kienu ta' natura li jikkontestaw l-eżistenza tar-rabta kawżali bejn il-ħsara sostnuta mill-industrija Komunitarja u l-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping.

45 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha magħmula iktar 'il fuq, għandu jiġi kkonstatat li l-eżami tad-domanda magħmula ma rrileva ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tar-Regolament Nru 2320/97.

Fuq l-ispejjeż

46 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-eżami tad-domanda magħmula ma rrileva ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2320/97, tas-17 3ta' Novembru 1997, li jimponi taxxi kontra d-damping fuq importazzjonijiet ta' ċertu pajpijiet seamless u tubi tal-ħadid jew non-alloy steel li joriġinaw mill-Ungerija, il-Polonja, ir-Russja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija u r-Repubblika Slovakka, li jħassar Regolament (KEE) Nru 1189/93 u li jtemm il-proċeduri dwar dawn l-importazzjonijiet li joriġinaw fir-Repubblika tal-Kroazja.

Firem